# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Tmien Legislatura

## *Laqgħa numru 49*

***04 ta' Diċembru 2018***

### *Preżenti*

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Frank Zammit -Kunsillier
Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

## *49.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

49.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apologija.

## *49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

49.2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *49.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

49.3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li hemm ċans li jkun hemm proġett ta' madwar mitt elf ewro b'fondi mill-Unjoni Ewropeja li l-Kunsill Lokali tal-Marsa jkun jista' jibbenefika minnhom. Il-Kunsill jista' jagħmel investiment ta' Day u Night Centre għall-anzjani tal-lokalita' hekk kif ilu għal diversi snin jinħass dan il-bżonn fost ir-residenti, iżda l-fondi sall-lum ma kienux jippermettu. Is-Sindku qal ukoll li l-iktar post idejali sabiex dan il-post issir huwa fi Gnien Belvedere fejn illum hemm il-kamra li jużaw l-ELC, dan hekk kif il-Kunsill diġa' għandhu f'idejħ pjanti tal-post sabiex dan jiġi rranġat. Il-Kunsill ser ikollu jissottometti l-pjanti u stimi sa Jannar u għaldaqstant ma fadalx ħafna żmien sabiex isir dan. Wara diskussjoni zgħira l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li tkun ideja tajba jekk jintuża ukoll il-post fejn hemm l-iscouts. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li din tista' tkun possibbilita'. Wara li ħadd mill-Membri preżenti ma kellu oġġezzjonijiet, il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

49.3.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono fakkar ukoll fil-wirja li ser tkun qed issir fl-uffiċini tal-Kunsill fl-17 ta' Jannar u li ser tiġi nawgurata mill-Onor. Silvio Parnis, Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali peress li l-Prim Ministru ser ikun imsiefer. Din il-wirja ser tkun qed tkopri l-ħidma mwettqa mill-Kunsill tagħna f'dawn l-aħħar 25 sena u ser jiġu mistiedna r-residenti ukoll permezz ta' nvit li ser jintbgħat lilhom.

## *49.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

49.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li rċieva numru ta' lmenti mir-residenti fl-akwata ta' Ġnien Belvedere dwar intejjen wara li sabu lil xi ħadd mejjet hemm. Barra min hekk jidher

ukoll li kien hemm ammont sostanzjali ta' ħmieg fl-istess ġnien. Is-Sindku is-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill ser ikun qed jinforma lill-ELC u ser ikun qed jitbgħat bowser tal-ilma sabiex issir t-tindif neċessarju fl-entratura tal-Ġnien.

F'dan il-ħin (6.25pm) daħal il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit

## *49.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

49.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *49.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

49.6.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li Transport Malta nfurmat lill-Kunsill li m'għandiex oġġezzjoni sabiex ikun hemm Reserved parking bay għall-Blue Badge Holders fi Triq il-Biċċerrija u żewġ unloading bays għall-vets fi Triq it-Tiġrija.

49.6.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Għaqda Festi Esterni Trinita' Qaddisa qed tistaqsi l-Kunsill jekk huwiex interessat li jagħmel reklam fuq il-Kalendarju bħal snin preċedenti li jiswa' €230. Apparti hekk is-servizz li jitlob il-Kunsill kull sena għall-arbli għal żmien il-Milied huwa ta' €115. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien wieħed unanimu.

49.6.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Membri preżenti li l-familji Attard u Baldacchino jixtiequ jressqu talba lill-Kunsill Lokali tal-Marsa sabiex isir monument ta' tifkira għall-Isqof Francis Baldacchino li kien l-unika isqof li twieled u trabba l-Marsa. Is-Sindku qara l-ittra li rċieva l-Kunsill u wara diskussjoni qasira bejn il-Membri ġie deċiż lil-Kunsill jagħmel kuntatt mall-familji Attard u Baldacchino sabiex dan il-monument ikun jista' jsir u l-Kunsill jagħti l-kontribut tiegħu finanzjarju ta' mhux aktar min €3,000. Il-Kunsill qed jissuġġerixxi li dan għandhu jsir fejn bħalissa għaddej il-proġett ta' Qormi Road ma Isouard Street peress li l-Isqof Baldacchino kien min dik it-triq. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

49.6.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li huwa ġie mistieden sabiex jattendi għall-laqgħa li ser tinżamm fil-Kamra tad-Deputati nhar is-Sibt 22 ta' Diċembru fl-10.00a.m.

## *49.7 Tiġdid tal-Kuntratt tad-Dawl tat-Toroq*

49.7.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill ser ikollu bżonn jagħmel it-tiġdid tal-kuntratt tad-Dawl tat-Toroq. Din issir bħala proċedura normali hekk kif it-tender jiġġedded ta' kull sena sa massimu t'erbgħa snin. Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *49.8 Performance Bonus tal-ħaddiema klerikali tal-Kunsill u ħaddiema oħra*

49.8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq il-performance appraisals tat-tliet impjegati klerikali tal-Kunsill kif ukoll ta' ħaddiema oħra li għandhu l-Kunsill min entitajiet oħra kemm il-darba dawn jiġu mitluba. Wara diskussjoni li saret bejn il-membri preżenti, s-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona l'impjegati klerikali u oħrajn jingħataw il-massimu tal-performance bonus li huwa ta' 6%. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *49.9 Servizz ta' knis addizjonali l-Ħadd*

49.9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li qegħda tinħass l-ħtieġa li jsir knis addizjonali nhar ta' Ħadd mis-7.00am sal-10.00am sabiex il-lokal ikun aktar nadif u ċertu toroq jiġu milħuqa aktar matul il-weekends. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *49.10 Bdil taż-Żurżieqa tal-bandli Gwann Mamo*

49.10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li bħala parti mill-proġett ta' tisbiħ tal-playingfield tal-lokalita' tkun ideja tajba jekk il-Kunsill jinvesti f'żurżieqa u '*merry go round'*. Is-Sindku hawn hekk poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-istampi għall-attenzjoni ta' dawk preżenti. Sew iż-żurżieqa kif ukoll il-*merry go round* ser jiswew xi €2,350-il wieħed. Il-*merry go ground* ser teħel fil-bandli ta' Bridgwater u z-zurżieqa fil-bandli Ġwann Mamo. Wara diskussjoni fuq dan is-suġġett, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa dwar il-possibilita' li l-*merry go round* tkun attrezata għall-persuni b'disabilita'. Is-Sindku qal li m'għandhu l-ebda problema li l-Kunsill jara x'inhuma l-possibilitajiet f'dan ir-rigward u jmexxi skond l-aħjar prezzijiet li jsib. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *49.11 Attivita' tal-Milied tas-16 ta' Diċembru*

49.11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer jagħti spjegazzjoni ta' dak li ser isir għall-attivita' tal-Milied nhar is-16 ta' Diċembru. Il-Kunsillier

is-Sur Dominic Spencer qal li l-attivita' ser tibda fis-2.00pm u tibqa għaddejja sa madwar is-8.00 ta' filgħaxija fi Pjazza G.F Abela. Hawnhekk ser ikunu qed jieħdu sehem iż-żewġ baned tal-lokal u l-Guggen Band. Ser ikun hemm 'bouncy castle', kif ukoll bejgħ tal-ikel u prodotti oħrajn. Huwa qal ukoll li minflok floodlights ser ikun hemm fustuni li ser jinxtegħu permezz ta' ġenerator li jiswa mhux aktar min €1,000 li huwa orħos milli kieku jkollok tapplika għall-arloġġi tad-dawl u jitwaħħlu rifletturi. Fost il-Membri preżenti kien hemm qbil li jsir xi forma ta' marketing dwar din l-attivita' u ġie maqbul li jsir reklamar fuq One Radio, F Living u Calypso radio, li dawn it-tlieta għanhom prezzijiet raġjonevoli għar-reklamar. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *49.12 Preżentazzjoni lit-tfal li jieħdu sehem fil-Purċissjoni*

49.12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li jixtieq jqassam qagħaq tal-għasel lit-tfal li ser jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Milied li tkun organiżżata mis-Soċjeta' tal-Mużew. Dan għall-fatt ukoll li s-Soċjeta' tal-Mużew taw-Bambin lill-uffiċju tal-Kunsill bla ħlas. Il-Membri tal-Kunsill qablu li għandhom jingħataw dan il-qagħad bħala rikonoxximent tas-sehem tagħhom f'attivitajiet bħal dawn. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *49.13 Ħruġ ta' Kwotazzjoni tal-Armar tad-Dawl tat-Toroq tal-Milied*

49.13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal il-Kunsill ser ikollu bżonn joħroġ il-kwotazzjoni tal-armar tad-dawl tat-toroq tal-Milied bid-disinji jiġi ppreżentat mall-kwotazzjoni. Is-Sindku spjega li t-toroq li jarma l-Kunsill huma Nerik Sacco, Balbi Street, Zerafa Street u l-Pont San Tumas. Apparti dan il-Kunsill jerġa bi ftehim maż-żewġ għaqdiet tal-festi tal-Lokal jarma Marsa Road, Triq Isouard u Triq il-Jum, u toroq oħra u dawn bejn wieħed u ieħor jieħu b'kollox madwar €4,000. Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *48.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

49.14.1 Qabel ma tnemmet il-laqgħa l-Kunsillier is-Sur Frank Zammit poġġa fuq il-mejda l-ittra tar-riżenja tiegħu wara li fil-jiem li għaddew ġiet ikkonfermata l-ħatra tiegħu bħala l-Ambaxxatur Malti għas-Santa Sede. Huwa rringrazzja l-Kunsill u l-Marsin kollha li appoġġawħ matul dawn is-snin twal li serva fil-Kunsill. Is-Sindku s-Sur Francis Debono rringrazzjaħ f'isem il-Kunsilliera sħabu kif ukoll f'isem il-poplu Marsi kollu tal-ħidma tiegħu matul dawn 25 sena, li ukoll għal perjodu qasir serva fil-kariga ta' Sindku, li minkejja kull diffikulta u kull differenza li kien hemm dejjem ħadem għall-ġid tal-lokalita'. Il-Kunsilliera kollha għamlu r-ringrazzjamenti tagħhom u taw l-awgurju tagħhomm lis-Sur Zammit għall-kariga l-ġdida.

49.14.2 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15pm u ġiet aġġornata għal 9 ta’ Jannar fis-6.15pm kif kien miftiehem fis-seduta ta’ qabel.

IFFIRMATA IFFIRMATA

Francis Debono
Sindku

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermata llum 9 ta’ Jannar 2019